32005R0634

27.4.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 106/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 634/2005

tas-26 ta' April 2005

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali għaliha u li hija stabbilita skont dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella elenkata fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni li torbot dwar it-tariffi li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella elenkata fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffi maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
1. Amplifikatur tal-"audio frequency", li jinkorpora dekowder ta' ħsejjes diġitali, proċessur tal-ħsejjes diġitali biex jipproduċi effett ta' ħoss b'aktar minn mezz wieħed (sistema magħrufa bħala "surround") u ċirkuwit għal sinkronizzazzjoni tal-vidjow/ħoss. L-apparat jista' jirċievi sinjali minn sorsi differenti (eż. DVD plejer, tjuner tas-satellita, kasett plejer, vidjow rekorder). Dawn is-sinjali jistgħu jiġu dekodifikati u jingħaddu minn konvertertituri diġitali/"analogue" qabel jiġu amplifikati.	85184099	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8518, 851840 u 85184099. Id-dekodifikazzjoni u l-ipproċessar ta' ħsejjes diġitali jitqiesu li huma parti mill-funzjoni tal-amplifikazzjoni tal-"audio frequency". Minħabba li l-funzjoni relatata mal-vidjow tissinkronizza biss is-sinjali tal-ħoss u tal-vidjow, tibqa' kklassifikata taħt l-intestatura 8518.
2. Apparat magħmul minn: – riċevitur tax-xandir bir-radju AM/FM, – amplifikatur ta' aktar minn kanal wieħed, u – proċessur tal-ħsejjes diġitali. Il-prodott, li huwa mfassal b'tali mod li jipprovdi divertiment fid-dar, huwa ppreżentat b'remote control.	85273980	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 għal Sezzjoni XVI u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8527, 852739 u 85273980. Fi ħdan it-tifsira tan-Nota 3 għas-Sezzjoni XVI, il-komponent li jipprovdi l-funzjoni prinċipali tal-magna komposta huwa r-riċevitur tax-xandir bir-radju. L-amplifikazzjoni u l-ipproċessar tal-ħoss jitqiesu bħala funzjonijiet sekondarji

		meta mqabbla mar-riċezzjoni għal xandir bir-radju. Konsegwentament, il-magna komposta hija kklassifikata bħala apparat ta' riċezzjoni tax-xandir bir-radju skont il-kodiċi NM 85273980.
3. Apparat magħmul minn: – riċevitur tax-xandir bir-radju AM/FM, – amplifikatur ta' aktar minn mezz wieħed, – proċessur tal-ħsejjes diġitali, u – ċirkuwit għal sinkronizzazzjoni tal-vidjow/ħoss. Il-prodott li huwa mfassal sabiex jipprovdi divertiment mid-dar billi jirċievi sinjali minn sorsi differenti (eż. DVD plejer, *tuner* tas-satellita, kasett plejer, vidjow rekorder) huwa ppreżentat b'remote control. Is-sinjali jistgħu jiġu dekodifikati u jingħaddu għal konverters diġitali/"analogue" qabel jiġu amplifikati.	85273980	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 għas-Sezzjoni XVI u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8527, 852739 u 85273980. Fi ħdan it-tifsira tan-Nota 3 għas-Sezzjoni XVI, il-komponent li jipprovdi l-funzjoni prinċipali tal-magna komposta huwa r-riċevitur tax-xandir bir-radju. L-amplifikazzjoni u l-ipproċessar tal-ħoss huma meqjusin bħala funzjonijiet sekondarji meta mqabbla mar-riċezzjoni għal xandir bir-radju. Minħabba li l-funzjoni relatata mal-vidjow tissinkronizza biss is-sinjali tal-ħoss u tal-vidjow, il-prodott jibqa' kklassifikat fl-intestatura 8527. Konsegwentament, il-magna komposta hija kklassifikata bħala apparat ta' riċezzjoni tax-xandir bir-radju skont il-kodiċi NM 85273980.

4. Monitor tal-kulur ta' tagħmir bil-likwidi kristalli (LCD) b'kejl dijagonali tal-iskrin ta' 38,1 ċm (15″) u b'dimensjonijiet totali ta' 30,5 (W) × 22,9 (H) × 8,9 (D) ċm bi: – riżoluzzjoni massima ta' 1024 × 768 pixels – frekwenzi tal-iskan "scan frequencies" ta' 30-80 kHz (orizzontali) u 56-75 Hz (vertikali). Il-prodott għandu dawn l-interfaces li ġejjin: – VGA in – DVI in – BNC in u out – S-vidjow (Y/C) in u out – Audio in u out Il-prodott jista' juri sinjali li jaslu minn sorsi varji, bħal magna ta' pproċessar ta' dejta awtomatika, sistema ta' televiżjoni b'ċirkuwit magħluq, DVD plejer jew kamkorder.	85282190	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8528, 852821 u 85282190. Klassifikazzjoni taħt is-subintestatura 847160 hija eskluża, minħabba li l-monitor mhuwiex ta' tip użat biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika ta' pproċessar ta' dejta (ara n-Nota 5 għall-Kapitolu 84), minħabba l-kapaċitajiet tiegħu biex juri sinjali minn sorsi varji. Bl-istess mod, il-prodott mhuwiex klassifikabbli skont l-intestatura 8531, minħabba li l-funzjoni tiegħu mhijiex dik li jipprovdi indikazzjoni viżiva bil-għan li juri sinjali (ara n-noti ta' spjega tal-HS għall-intestatura 8531, punt D).
5. Sistema magħmula minn: – unità ta' pproċessar ċentrali b'tastiera, maws u apparat li juri immaġni viżiva (kompjuter personali), – unità ta' pproċessar ċentrali (server) u – skaner ta' preċiżjoni. L-iskaner ta' preċiżjoni huwa magħmul minn apparat li hemm referenza għalih bħala 'scanner	90328990	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz ta' Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 7(b) għal Kapitolu 90 u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 9032, 903289 u 90328990. In-Nota 5(B) għall-Kapitolu 84 timpedixxi l-klassifikazzjoni tas-sistema taħt l-intestatura 8471 minħabba li twettaq funzjoni speċifika għajr

sensor support' f'qafas. Is-'scanner sensor support' huwa mgħammar b'sensers varji li jkejlu l-kwalità tal-karta fir-rigward tal-umdità, temperatura, piż, eċċ. Jimxi 'l quddiem u lura fuq il-qafas jiġbor informazzjoni, u juża faxex fi ħdan raġġi ta' dawl infra-ħomor jew tal-laser jew forom oħra ta' kejl. Din l-informazzjoni tintbagħat, permezz tas-server, lill-kompjuter personali li jipproċessa l-informazzjoni sabiex jiġġenera dejta għall-għanijiet tal-kontroll tal-kwalità tal-karta. L-informazzjoni pproċessata mill-kompjuter personali tintuża sabiex taġġusta l-output li joħroġ mit-tagħmir li jimmanifattura l-karta, b'dan tal-aħħar ma jkunx parti mis-sistema.		ipproċessar ta' dejta kif stipulat bin-Nota 5(E) għall-Kapitolu 84. Is-sistema hija regolatur awtomatiku għall-kontroll awtomatiku ta' kwantitajiet mhux tal-elettriku li t-tħaddim tagħhom jiddependi fuq fenomeni tal-elettriku li jvarjaw skont il-fattur li għandu jiġi kkontrollat (in-Nota 7(b) għall-Kapitolu 90).